MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 1138/2006

Joseph Gauci u Clement Gauci
vs
Henry sive Eric Galea

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta’ Jacqueline sive Jackie Galea bhala mandatarja ta’ missierha assenti Henry sive Eric Galea u dan a tenur ta’ l-Art 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li bih esponiet:

Illi hija personalment ghandha hanut f’97 Tower Road Sliema u l-gar taghha ghaddielha kompa [recte kopja] ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-14 ta’ Novembru 2006, liema ittra la gie [recte giet] affissa mal-post tar-rikorrenti nomine u lanqas ma nghatat lilha mill-marixxal.

Illi missierha jghix barra minn Malta u ilu jghix barra dawn l-ahhar 23 sena. Ilu ma jigi Malta xi tliet snin u nofs u

ghalhekk mill-14 ta' Novembru 2006 sal-lum huwa ma kienx qieghed Malta.

Illi inoltre mal-ittra ufficjali msemmija ma hemmx il-kambjala originali u ghalhekk l-imsemmija ittra ufficjali hija nulla u bla effett stante li ma hijiex qieghdha tirrendi ezegwibbli kambjala originali.

Illi f'kull kaz ir-rikorrenti nomine tinnota wkoll illi meta giet intavolata l-ittra ufficjali fuq imsemmija, originarjament giet prezentata kontra Eric Galea izda sussegwentement, fid-29 ta' Novembru 2006, saret korrezzjoni biex b'hekk l-ittra giet indirizzata lil Henry sive Eric Galea u fil-fatt ghalhekk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, jekk l-imsemmija ittra ufficjali ghandha xi validita` fil-konfront ta' Henry sive Eric Galea, dan l-effett jibda mid-29 ta' Novembru 2006 li jigi aktar minn hames snin mid-data meta l-allegata msemmija kambjala giet dovuta u konsegwentement tinsab preskritta kemm a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u kif ukoll l-Artikolu 542 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess ir-rikorrenti nomine ma jiftakarx li qatt iffirma kambjala.

Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess ir-rikorrenti nomine m'ghandu jaghti xejn lill-ahwa Gauci u jekk xi zmien, numru kbir ta' snin ilu, kien hemm xi relazzjoni finanzjarja bejnu u l-ahwa Gauci, din kienet naxxenti minn agir illecitu da parti ta' l-ahwa Gauci kif jista jigi ippruvat jekk jkun il-kaz.

Illi inoltre r-rikorrenti nomine m'ghandux *identity card* Maltija u lanqas ma kellu wahda fl-1997 meta allegatament saret il-kambjala billi dak iz-zmien huwa kien gja jghix barra minn Malta. In-numru tal-passaport indikat fl-ittra ufficjali mhux in-numru tal-passaport tar-rikorrenti nomine.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti nomine talbet li din il-Qorti, a tenur ta' l-Art 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala, jekk verament

tezisti, minghajr garanzija ghar-ragunijiet premessi u billi hemm ragunijiet gravi u validi sabiex tigi opposta l-esekuzzjoni taghha mitluba mill-ahwa Gauci.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Joseph Gauci et li biha eccepew:

1. Illi r-rikorrenti kif rapprezentat minn bintu Jacqueline Galea qieghed jallega "ragunijiet gravi u validi" sabiex tigi opposta l-ezekuzzjoni tal-kreditu kambjarju avvanzat mill-intimati permezz ta' l-ittra ufficjali numru 3929/06. Fil-qosor, ir-rikorrent qieghed jallega:

i. irregolarita` fin-notifika tieghu;
ii. in-nullita` ta' l-ittra ufficjali msemmija minhabba li l-kambjala originali mhijiex annessa ma' l-ittra ufficjali nnifisha;
iii. il-preskrizzjoni tal-kambjala a tenur ta' l-artikoli 2156(f) Kap. 16 u 542 Kap. 13 minhabba li ghalkemm l-ittra ufficjali saret fit-terminu, saret korrezzjoni fl-isem ta' l-intimat wara li skada t-terminu kwinkwennali;
iv. illi "l-esponent nomine (sic) ma jiftakarx li qatt iffirma kambjala";
v. illi r-rikorrent "m'ghandu jaghti xejn lill-ahwa Gauci";
vi. illi "jekk xi zmien, numru kbir ta' snin ilu, kien hemm xi relazzjoni finanzjarja bejnu u l-ahwa Gauci, din kienet naxxenti minn agir illecitu da parti ta' l-ahwa Gauci"; u
vii. illi n-numru tal-passaport indikat fl-ittra ufficjali msemmija mhux in-numru tal-passaport tar-rikorrent;

*Dwar l-Allegata Irregolarita` tan-Notifika*

2. Illi l-intimati jafu li Henry sive Eric Galea ghamel zmien jirrisjedi l-Italja, imma tilfu kull kuntatt mieghu matul dawn l-ahhar snin, u ma jafux fejn attwalment jirrisjedi. Madanakollu, mir-ricerki taghhom irrizulta li s-Sur Galea huwa azzjonist f'kumpanija Maltija, Jacques Valise Limited (C-19270), u li fid-dokumenti kollha prezentati fir-Registru tal-Kumpaniji, sa

recentement, is-Sur Galea dejjem iddikjara residenza Maltija, u ipprovda l-indirizz indikat mill-intimati fl-ittra ufficjali taghhom;

3. Illi l-artikolu 187(1) jiddisponi li notifika tista' ssir jew (a) fir-residenza; jew (b) fuq il-post tax-xoghol; jew (c) fl-indirizz postali ta' l-intimat. Indirizz postali huwa indirizz moghti b'mod ufficjali bhala rekapitu ghall-posta, kif inhu l-indirizz uzat mill-intimati;

4. Illi minghajr pregudizzju, jirrizulta li l-ittra ufficjali waslet ghand il-mandatarja ta' l-intimat, li opponiet fi zmien utli. L-intimati jissottomettu li b'hekk ma hemmx dubju li l-ittra ufficjali waslet "f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha" u li tali persuna bl-opposizzjoni taghha maghmula skond il-ligi ikkonfermat in-notifika ta' l-istess b'mod illi kull kwistjoni ta' notifika hija llum sorvolata;

*Dwar in-Necessita` ta' l-Esibizzjoni tal-Kambjala Originali*

5. Illi fl-ewwel lok, l-artikolu 253(e) Kap. 12 imkien ma jimponi obbligu fuq il-mittent li jesebixxi l-kambjala originali mal-ittra ufficjali li tirrendi l-istess ezekuttiva;

6. Illi fit-tieni lok, l-artikolu 789 Kap. 12 kif emendat fl-1995 huwa car fis-sens illi biex att gudizzjarju jigi dikjarat null irid ikun hemm vjolazzjoni ta' rekwizit dispost legislattivament b'mod espress, li mhux il-kaz;

7. Illi huwa minnu li kien hemm zmien fejn certa gurisprudenza iddikjarat nulli azzjonijiet kambjarji intavolati permezz ta' citazzjonijiet li ma kellhomx il-kambjala originali annessa; tali gurisprudenza giet pero` sorvolata zmien twil ilu, apparti li l-emendi msemmija komplew jikkonfermaw li eccezzjoni simili ma tistax tinghata fic-cirkostanzi; oltre dan, anke ghas-sahha ta' l-argument, mac-citazzjoni l-attur kien obbligat jipproduci d-dokumenti kollha rilevanti, rekwizit li ma jezistix in konnessjoni ma' l-artikolu 253(e);

8. Illi finalment, kopja awtentikata tal-kambjala originali giet annessa mar-risposta, filwaqt li l-originali ser tigi esebita *animo ritirandi, seduta stante*, sabiex il-Qorti tivverifika l-ezistenza taghha; dan zgur illi jevita l-pregudizzju msemmi fl-artikolu 273(1)(c) u jipprovdi rimedju ai termini tal-provi tas-subartikolu 273(1) Kap. 12;

*Dwar il-Korrezzjoni mitluba fl-isem tar-Rikorrent*

9. Illi mhuwiex kontestat illi l-ittra ufficjali saret entro termine; qieghed jigi allegat illi “Henry sive Eric Galea” huwa korrett, mentri “Eric Galea” huwa inkorrett. Dwar dan il-punt hemm gurisprudenza varja, u unanima, fis-sens illi persuna tista’ tigi mharrka fl-isem li bih hija maghrufa, u li anke jekk ikun hemm zball (li f’dan il-kaz ma kienx hemm) dan ma jaffettwax l-integrita` ta’ l-att dment illi jinftiehem lil min huwa indirizzat. F’dawn l-atti jirrizulta li r-rikorrent jirrikonoxxi li huwa maghruf bhala “Eric”, tant illi huwa stess iddikjara lilu nnifsu bhala “Henry sive Eric”; b’mod illi zgur li ma saret ebda konfuzjoni. L-att kien ikun validu anke kieku ma giex kjarifikat bil-korrezzjoni mitluba, u ghaldaqstant ma jistax ikun hemm preskrizzjoni fuq din il-bazi;

*Dwar il-Memorja ta’ “l-esponenti nomine”*

10. Illi gie dikjarat illi “l-esponent nomine (sic) ma jiftakrax li qatt iffirma kambjala”;

11. Illi l-ewwelnett tajjeb li jigi rilevat illi “l-esponent nomine” hija Jacqueline Galea, li mghandhiex ghalfejn tiftakar li ffirmat xi kambjala, ghaliex ma kenitx hi li ffirmat;

12. Illi fit-tieni lok, il-memorja hija haga ambigwa; mid-dicitura tar-rikors huwa car li mhux qieghed jigi eskluz li s-sur Galea, ghalkemm ma jiftakarx, fil-fatt iffirma l-kambjala in kwistjoni;

13. Illi ghall-finijiet ta’ l-artikolu 253(e) mhux bizzejjed li l-intimat ma jkunx jiftakar li ffirma l-kambjala in

kwistjoni; irid jirrizulta li l-firma mhix tieghu. Issa dan lanqas biss qieghed jigi allegat, wisq anqas pruvat;

14. Illi tajjeb li wiehed jirrileva li, ghalkemm l-artikolu 253(e) jipprovdi zewg bazijiet alternattivi ghall-opposizzjoni maghmula, cioe` li l-firma ma tkunx ta' l-intimat u min-naha l-ohra "ragunijiet ohra gravi u validi", ir-rikorrent ghazel li fit-talba tieghu ma jitlobx is-sospensjoni a bazi ta' l-ewwel, imma esklussivament a bazi tat-tieni; li jkompli jikkonferma li lanqas biss ma hemm allegazzjoni da parti tar-rikorrent li l-firma mhijiex tieghu;

*Dwar id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li "m'ghandu jaghti xejn"*

15. Illi hija gurisprudenza stabbilita li mhux moghti lill-firmatarju ta' kambjala li jqajjem eccezzjonijiet in konnessjoni mad-debitu originali hlief fejn ikun hemm frodi jew uzura; u f'dan is-sens ghandhom jinftehmu r-"ragunijiet gravi u validi" rikjesti mill-ligi. Hawnhekk, jidher li regghet qed tfalli l-memorja tar-rikorrent, li lanqas biss huwa cert jekk kellux "relazzjoni finanzjarja" mal-intimati.

*Dwar il-Kawza Illegali allegata*

16. Illi r-rikorrent isemmi "agir illecitu", imma (i) mhux cert li kien hemm relazzjoni bejn il-partijiet; (ii) ma jghidx x'kien l-allegat agir illecitu; u (iii) isostni li tali agir kien illecitu da parti ta' l-ahwa Gauci biss. L-intimati ma jistghux jobsru ghal xiex qieghed jalludi r-rikorrent, imma f'kull kaz jissottomettu li biex kawza illecita tannulla obbligazzjoni (li skond ir-rikorrent ma tezistix) irid jirrizulta li kienet il-konsiderazzjoni principali tan-negozju. Fil-kaz odjern, in-negozju bejn il-partijiet kien illi l-intimati kellhom flus f'kont bankarju u ghamlu garanzija bankarja sabiex ir-rikorrent ikun jista' jissellef flus ghan-negozju tieghu; ir-rikorrent ma hallasx, u l-garanzija giet migbuda, bir-rizultat illi l-intimati sfaw skoperti;

17. Illi l-premess huwa kollu dokumentat u jekk necessarju jista' jigi pruvat, ghalkemm id-dokumentazzjoni mhiex f'idejn l-intimati fil-mument attwali, billi n-negozju sar fis-snin tmenin;

*Dwar il-Garanzija Imponibbli ai termini ta' l-art. 253(e)*

18. Illi l-intimati jissottomettu li lanqas lontanament ma hemm l-elementi mehtiega sabiex l-ezekuzzjoni tal-kambjala *de quo* tigi sospiza. Madanakollu, il-ligi taghti fakulta` lil din il-Qorti li, f'kaz li tordna s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni, timponi l-ghoti ta' garanzija ghall-hlas. Jekk verament ir-rikorrent irid jinghata l-opportunita` li jipprova l-allegazzjonijiet fiergha tieghu, ghandha ghallinqas tigi imposta tali garanzija;

*Dwar in-Numru tal-Passaport indikat fl-Ittra Ufficjali*

19. Illi n-numru tal-passaport indikat huwa n-numru provvdut f'diversi okkazzjonijiet mir-rikorrent innifsu, u certament dak iz-zmien kien korrett. Jekk pero` tali numru nbidel (billi n-numru jinbidel meta jinbidel il-passaport), dan ma jaffettwax il-validita` ta' l-ittra, u l-intimati ma jahtux tal-fatt illi ma hemm ebda registru tan-numri tal-passaport jew tal-fatt illi Henry sive Eric Galea ma ghandux karta ta' l-identita`.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ipprezentati mill-intimati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta' <u>Jacqueline sive Jackie Galea</u> li fih qalet li hi ilha tiggestixxi hanut li jismu Jacques Valise ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena. Hi tiggestixxi wkoll kumpanija li jisimha Jacques Valise Limited u l-parti l-kbira tax-*shares*

huma fuq isimha. Meta kienet ser tirregistra l-kumpanija qalulha li ma setax ikollha l-kumpanija fuq isimha biss u ghalhekk ghamlet bhala *shareholder* lil missierha. Il-genituri taghha ilhom li telqu minn Malta erbgha u ghoxrin sena. L-ewwel marru l-Kanada, imbaghad l-Italja fejn ghadhom jirrisjedu sal-lum. L-ahhar li missierha kien Malta kien meta attenda ghall-funeral taz-ziju taghha u kien dam biss ftit granet. Missierha ma jghix Malta u ma hux residenti Malta. Hu jismu Henry ghalkemm jafuh bhala Eric. F'Dicembru 2006 certu Noel Borg li ghandu hanut ma' genb taghha kien taha kopja ta' ittra ufficjali u maghha kien hemm kopja ta' kambjala u kopja tar-rikors datat 29 ta' Novembru 2006, ta' Joseph u Clement Gauci. Mal-hanut taghha ma kienet sabet xejn imwahhal. Hi kellmet avukat u anke cemplet lil missierha billi l-ittra kienet qieghda fuqu. Hi nfurmatu li kienet qed issir ittra ufficjali fuq kambjala fl-ammont ta' Lm165,000 u hu qalilha li ma kienx jiftakar li qatt iffirma xi kambjala. Fil-kambjala hemm miktub li din saret l-Italja fil-15 ta' Novembru 1997 u dak iz-zmien il-genituri taghha kienu gja jghixu l-Italja. Missierha kien qalilha li s-sinjuri Gauci kienu ghamlulu xi garanzija minn bank fl-Isvizzera favur bank fl-Italja. Ezatt il-ftehim ta' bejniethom ma kenitx tafu. Taf ukoll li meta ommha kienet tinzel Malta kienet iggib xi flus biex thallashom lill-ahwa Gauci pero` dan kien snin ilu.

Il-Qorti ezaminat il-kambjala li kien qed juri Joseph Gauci u ikkomparatha ma' fol 30 tal-process u iddikjarat li wahda hija identika ghall-ohra.

Xehed <u>Joseph Gauci</u> u esebixxa *memorandum and articles* ta' Jacques Valise Limited, li minnu jirrizulta l-*last known address* ta' Hery Galea.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Joseph Gauci</u> li fih qal li sar jaf lil Henry sive Eric Galea fis-snin tmenin. Qal li hu kien jisilfu xi flus u fil-bidu kien hallsu xi ammonti minn zmien ghal zmien. Fil-bidu tas-snin disghin hu kien ta garanzija ma' bank esteru lis-Sur Galea. Xi sentejn jew tliet snin wara li hareg din il-kambjala kien sar jaf li l-garanzija kienet giet migbuda kollha. Illi sabiex jikkawtela u jipprotegi dan il-kreditu hu kien ftiehem mas-Sur Galea li jaghmillu

kambjala. F'Novembru 1997 is-Sur Galea kien iffirmalu l-kambjala gewwa l-Italja fil-prezenta tieghu, kambjala li ghadha ghand ix-xhud sal-gurnata tal-lum. Il-kambjala skadiet fil-15 ta' Novembru 2001 izda ghadha ma thallsitx. Hu kien tilef il-kuntatti mas-Sur Galea. Wara li ghamlu xi ricerki sabu li kellu kumpanija f'Malta.

F'xhieda ohra tieghu gie mistoqsi fejn kienet il-kambjala meta hu baghat l-ittra ufficjali u qal li kienet ghandu u ghadha fil-pussess tieghu sal-lum u b'hekk peress li hu zamm l-original, din ma gietx mehmuza mal-ittra ufficjali, izda kien hemm kopja taghha. Qal li *printed* kienet gja lesta u huma mlewha. Fuq il-kambjala kien hemm il-post ghal zewg firem ohra li ma sarux il-firem. Meta hu kien tela' Napli apposta biex issir il-kambjala z-zewg persuni l-ohra ma kienux prezenti. Mhux darba talabhom biex jiltaqa' maghhom imma aktar minn darba. Konsegwenza ta' dan ma iffirmawlux. Qal illi fil-fatt hu ma rahomx u allura ma setax jinsisti maghhom li jiffirmawlu. Qal li Malta qatt ma rah minn dak iz-zmien 'l hawn. In segwitu mar jara fejn joqghod imma ma sabux. Mar l-Italja jfittxu ghax kellu nformazzjoni li kien joqghod l-Italja.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Gurisdizzjoni:</u>***

Ghalhekk irrizulta li Jacuqline sive Jackie Galea bhala mandatarja ta' missierha assenti Henry sive Eric Galea qed titlob li a tenur tal-Kap 12 art 253(e) tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-kambjala li hemm referneza ghaliha fl-ittra ufficjali prezentata minn Joseph Gauci et fl-14 ta' Novembru 2006.

L-ewwel kwistjoni li ghandha tigi studjata hija dik tal-gurisdizzjoni u dan a tenur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili artikolu 742 li fis-subartikolu 1 tieghu isemmi li l-Qrati Civili ta' Malta ghandhom gurisdizzjoni biex jismighu u jiddeciedu kawzi li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija:

"(a) `ittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domi`ilju tag]hom band'o]ra;

(b) kull persuna, sakemm jew g]andha d-domi`ilju tag]ha jew tkun toqg]od jew tkun qeg]da Malta;

(c) kull persuna, f'kaw\a dwar ]wejje[ li qeg]din jew li jinsabu f'Malta;
(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, i\da g]all-kaw\i biss li g]andhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;
(e) kull persuna illi, g]alkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajji\ ie]or, tkun ftehmet li g]andha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors g]andu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull ka\, dik il-persuna tkun tinsab Malta;
(f) kull persuna, g]al kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur `ittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità [uridika distinta jew asso`jazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;
(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew ta`itu volontarjament qag]det jew qablet li toqg]od g]all-[urisdizzjoni tal-qorti."

Galea tikkontendi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti. Issostni li ghalkemm Henry sive Eric Galea huwa cittadin Malti, huwa m'ghandux domicilju Malta u li ilu li telaq numru konsiderevoli ta' snin minn Malta u li fil-fatt stabbilixxa d-domicilju tieghu fl-Italja. Tant kemm hu hekk li l-istess kambjala li kopja taghha tinstab a fol 30 tal-process tibda bil-kliem Italy 15th November 1997.

A bazi ta' dan il-Qorti jkollha bilfors tezamina s-subartikolu (a) sa (g) tas-subartikolu 1 ta' l-artikolu 742 tal-Kap 12 u jirrizulta l-fatt li kif imsemmi fl-(a), Henry Galea hu cittadin ta' Malta izda stabbilixxa d-domicilju tieghu band'ohra u ghalhekk taht dan l-aspett jezorbita mill-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin.

Riferibbilment ghal dak imsemmi fis-sub-para (b) tas-subartikolu 1 ta' l-artikolu 742 tal-Kap 12, ma jirrizultax mill-atti processwali la li Henry Galea ghandu domicilju tieghu f'Malta u anqas li joqghod f'Malta. Irrizulta li ilu barra minn Malta ghal numru twil ta' snin, originarjament fil-Kanada u in segwitu fl-Italja u dan skond kif xehdet bintu fl-4 ta' Jannar 2008 li l-genituri taghha ilhom li telqu

minn Malta aktar minn 24 sena ilu u ma gewx jirrisjedu lura Malta ghalkemm gie ghal xi viziti zghar. Joseph u Clement Gauci jinsistu fuq il-fatt li Henry Galea kien ta lill-MFSA l-indirizz tieghu bhala dak ta' bintu fir-registrazzjoni tal-kumpanija Jacques Valise Limited, u infatti minn dokument a fol 38 tal-process jirrizulta li Henry Galea ghandu indirizz f'97, Tower Road, Sliema. Il-Kodici jitkellem dwar persuna li tkun qed toqghod jew qieghedha Malta. Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li persuna jkollha *registered address* mal-MFSA f'post f'Malta ma jfissirx necessarjament li hi tkun qed toqghod jew qieghedha Malta kif provvdut fl-artikolu 742(1). Joseph u Clement Gauci jsemmu wkoll li huma ma jafux li Galea jghix l-Italja u infatti fl-ahhar snin ghosfor u ma halla ebda dettalji b'mod li ma kienux ghadhom jafu jekk joqghodx l-Italja jew irritornax Malta, izda dan legalment x'jafu huma ma jwassalx biex jista' jaghti gurisdizzjoni lill-qrati Maltin.

Il-qrati civili ta' Malta ghandhom gurisdizzjoni li jisimghu u jiddeciedu kawza li tirrigwarda kull persuna dwar hwejjeg li qieghedin jew jinsabu f'Malta. Taht dan l-aspett ukoll, ma jirrizultax li fil-kawza odjerna huwa applikabbli dan is-subartikolu.

Anqas ma jirrizulta li l-allegata obbligazzjoni giet kuntrattata f'Malta kif jipprovdi d-dispost fis-subartikolu (d) ta' l-artikolu 742(1), u dan aktar u aktar mill-fatt li l-imsemmija kambjala tibda bil-kliem "Italy". Anqas ma jirrizulta li l-persuna tinsab f'Malta.

Anqas ma jirrizulta li kien hemm xi ftehim li l-obbligazzjoni tigi ezegwita f'Malta jew li bilfors tali obbligazzjoni ghandha jkollha effett f'Malta, u anqas il-persuna ma tinsab f'Malta, kif jipprovdi s-subartikolu (e) ta' l-artikolu 742(1) tal-Kap 12.

Anqas ma jirrizulta li kienhemm xi mod espress jew tacitu fejn persuna volontarjament qadet jew qablet li toqghod ghall-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin kif jghid is-742(1)(g).

L-artikolu 742(1)(f) jitkellem dwar kull persuna ghal kull obbligazzjoni ikkuntrattata favur cittadin ta' Malta (bhal

allegatament Joseph Gauci) meta s-sentenza tkun tista' tigi ezegwita f'Malta. Hu hawnhekk propju l-Qorti ssib li ghandha l-gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi l-kawza in kwistjoni.

***D2. In-notifika ta' l-ittra ufficjali:***
L-artikolu 187 jitkellem dwar kif isiru n-notifiki u cioe` bil-kunsinna tal-kopja ta' iskrittura lill-persuna li ghandha tkun notifikata. Issa fil-kaz in ezami l-persuna in kwistjoni tinsab permanentement imsiefra u domiciljata f'pajjiz iehor fl-Ewropa u ghalhekk strettament kienu applikabbli l-*Council Regulations* 44/2001. Izda irrizulta li n-notifika ta' l-ittra ufficjali li inizzjat il-proceduri kollha odjerni giet maghmula b'sistema ohra li fil-fehma tal-Qorti mhix valida u l-att (ittra ufficjali) ma giex notifikat f'forma valida u dan iwassal ghalhekk ghan-nullita` tal-proceduri kollha – raguni certament gravi u valida fejn giet opposta l-ezekuzzjoni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi l-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala msemmija.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------